MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 379/2014

**Rikors Guramentat Numru 291/2014 JPG**

**fl-ismijiet :**

**Dolores *sive* Doreen Vella (Karta tal-Identita' 8068 (G))**

**vs**

**Peter Paul Vella (Karta tal-identita'  15667(G))**

**f'ismu proprju u**

**Blue Apple Co. Ltd. (C – 33389),**

**Native Ltd (C-30373) u F.O.D. Limited**

**(C-30371)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat ta' Peter Paul Vella [Karta tal-Identita Numru 15667(G)] f'ismu proprju u Blue Apple Company Limited [C-33389], Native Limited [C-30373] u F.O.D. Limited [C-30371] tad-29 t'April, 2014 li jaqra hekk:

*"ILLI permezz ta' digriet datat 24 ta' Marzu 2014,l-attrici ottjeniet l-hrug ta' Mandat ta' Inibizzioni Kawtelatorju bin-Numru: 317/2014/1 fl-ismijiet hawn fuq premessi sabiex fil-konfront tal-esponenti jigu inibiti milli jittrasferixxu l-ishma tas-socjetajiet intimati fuq imsemmija, kif ukoll sabiex fil-konfront tal-intimat Peter Paul Vella f ismu proprju u s-societajiet intimati jigu inibiti milli jittrasferixxu bi kwaiunkwe mod, bi kwalunkwe titolu,onoruz jew gratwit, l-assi immobbli tal-istess socjetajiet u tal-intimat Peter Paul Vella;*

*ILLI effettivament kif ikkonfermat mill-attrici stess hija ma bdietx proceduri ta' separazzjoni nkluz divizjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti kontra l-esponenti Peter Paul Vella, fejn l-ishma tal-istess esponenti fis-socjetajiet esponenti jiffurmaw parti mill- kommunjoni tal-akkwisti u jirrizulta li fdan ir-rigward l-attrici lanqas fethet kawza kontra l-ebda wahda mis-socjetajiet intimati;*

*ILLI percio jirrizulta bl-aktar mod ampju li l-attrici ma pprocedietx biex tressaq il-pretensjonijiet dwar il-jedd imsemmi bhala kawzali fil-Mandat ta' lnibizzjoni Kawtelatorju bin-Numru: 317/2014/1 fl-ismijiet hawn frq premessi permezz ta' kawza fiz-zmien li taghtiha l-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 843 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*ILLI b'referenza ghall-Artiklu 836(1)(a), gie ritenut mill-Qrati nostrali, fid-decizjoni fl-ismijiet* ***Fahrenheit Freight Forwarders Co. Ltd u Elaine Sant Galea vs Market Handle Limited u Celine Lee Bentley*** *(deciza fit-30 ta' Dicembru 2011, mill-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, Rikors Numru 1067/2011 JRM li:*

> *"Din id-disposizzjoni hija marbuta mal-fatt li* ***kull Mandat kawtelatorju jrid ikun segwit minn azzjoni li titlob decizjoni fil-mertu dwar il-jedd pretit imhares b'dak il-Mandat. lekk minn johrog Mandat jonqos li jressaq l- azzjoni mehtiega fiz-zmien*** *moghti mil-ligi, il-Mandat jaqa' hekk kif jghaddi dak iz-zmien. Din hija normalment, l-unika wahda mis-sitt ragunijiet mahsubin fl-artikolu 836(1) fejn il-Qorti tista' tilqa' t-talba ghat-thassir tal- Mandat b'semplici kostatazzjoni mill-atti, ghaliex kulma jkun irid isir hu li l-Qorti tara jekk tkunx tressqet il-kawza jew le."*

*ILLI l-esponenti jirrilevaw li l-attrici minflok ma ghamlet kawza fejn talbet decizjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiz imhares bil-Mandat ta' Inibizzjoni Kawtelatorju bin-Numru: 317 /2014/1 fl-ismijiet hawn fuq premessi, kull ma ghamlet hija il-kawia odjerna (Rikors Guramentat Numru 291/2014 JPG) fejn talbet lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tikkonferma d-digriet taghha sakemm ikun hemm separazzjoni formali a mensa et thoro bejn ir-rikorrenti u l-konvenut Peter Paul Vella, u percio' tali kawza zgur li m'hijiex wahda li tirrigwardja decizjoni fil-mertu dwar il-jedd pretiz imhares bil-Mandat de quo;*

*ILLI fil-kawza fl-ismijiet* ***Panorama Company Ltd vs Enemalta Corporation*** *(Citazzjoni Numru 1552/2001 LSO) fejn kienet intalbet konferma ta'mandat inghad li "ic-citazzjoni ma tissodisfax il-vot ta' dan l-artikolu* ***jekk ma ssirx kawza biex tirrealizza d-drittijiet hemm kawtelati imma semplicementi lssfr talba biss ghall-konferma tal-mandat****";*

*ILLI  l-esponenti jaghmel referenza ghall-kawza fl-ismijiet* ***Sullivan vs Stivala et*** *(deciza mill-Qorti tal-Kummerc, fis-17 ta' Marzu 1992) fejn f'dik il-kawza kienet wkoll saret talba semplicement sabiex jigi kkonfermat il-mandat kawtelatorju u l-Onorabbli Qorti qalet illi ma hemm l-ebda fundament legali sabiex jintalab tali konferma stante li "il-****ligi trid li mandati simili jigu msahhin u mwettqa b'citazzjoni, li tkun allura allaccjata mal-pretensjoni tar-rikorrenti u mhux ma rikonferma ta'digriet gja moghti fil-kaz tal- mandat jew mandati****.";*

*ILLI in linea ma dan u f'kawzi simili, l-linja traccjata mill-Qrati taghna kienet dik ta' cahda ghar-raguni li "filwaqt li l-mandqt johrog ghaliex ikun jirrizulta dritt 'prima facie' fil-kawza tkun trid issir talba ghall-pronunzjament gudizzjarju dwar il-mertu tad-dritt innifsu" (****Giordmaina vs Giordmaina****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fis-7 ta' Novembru 1995;* ***Axisa vs Patinott****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-21 ta' Marzu 1996;* ***Cuschieri vs Grech noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili, fid-9 ta' Jannar 1997)*

*ILLI l-esponent jirrilevaw li l-fatt li l-attrici naqset milli taghmel il-kawza minghajr raguni tajba, dan jimplika li r-rikorrenti hija ghalhekk responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet kollha in linea mal-Artikolu 843 (2) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

*ILLI wkoll effettivament, minhabba li l-attrici naqset bla raguni tajba li taghmel kawza dwar it-talba imsemmija fil-Mandat ta' Inibizzjoni Kawtelatorju bin-Numru: 317/2014/1 fl-ismijiet*

*hawn fuq premessi, fiz-zmien moghti mil-ligi hija raguni ohra sufficjenti sabiex din l-Onorabbli timponi penali fuq ir-rikorrenti u dan skont l-artiklu 836(8)(a);*

*ILLI jirrizulta wkoll li l-attrici qabel ma harget il-Mandat, ma ghamlet l-ebda talba lill-esponenti sabiex jaghmel tajjeb ghall-pretensjoni taghha kif dedotta fil-Mandat de quo u dan kuntrarjament ghal dak li jirrikjedi l-artiklu 836(8)(b) u percio hawnhekk ukoll fil-fehma tal-esponenti jirrizultaw l-estremi biex din l-Onorabbli Qorti tapplika s-sanzjoni tal-penali fuq ir-rikorrenti;*

*GHALDAQSTANT, u in vista tas-suespost, l-esponenti umilment u bir-rispett jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tirrevoka, thassar u tikkancella in toto l-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju bin-Numru 317 /2014/1, fl-ismijiet "Dolores sive Doreen Vella vs Peter Paul Vella fismu proprju u Blue Apple Company Limited, Native Limited u F.O.D. Limited" u dan ai termini tal-Artiklu 836 (1) (a) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Tordna l-hrug tal-kontromandat opportun u n-notifika tal-istess lill-awtoritajiet kompetenti;*

3. *Tikkundanna lir-rikorrenti Dolores thallas penali ai termini tal-Artikolu 836(8) (a) (b) u (d) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Bl-ispejjez"*

Rat illi l-atti tar-rikors promotorju, digiret u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lil kontro-parti skond il-ligi;

Rat ir-risposta ta' Dolores *sive* Doreen Vella tad-29 ta'Mejju 2014 li taqra hekk:

1. *"llli preliminarjament, l-esponenti teccepixxi n-nullita' tat-talbiet, stante li jirreferu ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 317/2014, meta effettivament dan il-*

*mandat ma jezistix ghaliex il-vertenza ta' dan ir-rikors tirrigwarda talba ghar-revoka ta' mandat ta' inibizzjoni.*

2. *Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost u subordinatament, is-sottomissjoni tal-intimat li ma nbdewx il-proceduri ta' separazzjoni ma jreggux, ghaliex effettivament, l-esponenti pprezentat l-ittra ta' medjazzjoni kontra zewgha l-intimat fis-26 ta' Frar, 2014 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) u ghalhekk il-jedd imsemmi bhala kawzali fil-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju numru 317/2014/1 gie segwit b'kawza.*

*Fil-kawza* ***Ivanka Jovanovic Axisa (ID 99509 C) vs Ronald Axisa (ID 533660(M)),(QC (Familja) 291/2013/1 deciza 18.12.2013 SM)****, saret talba ghall-mandat ta' inibizzjoni u l-intimat issolleva l-intempestivita' tal-azzjoni stante li ma kienitx ghada giet ipprezentata l-kawza ta' separazzjoni quddiem il-Qorti apposita. Il-Qorti rriteniet illi:-*

***'9.1. llli jirrizulta effettivament pacifiku bejn il-kontendenti li l-procedura fil-Qorti tal-Familja ghadha fi stadju tal-medjazzjoni;***

***9.2. llli pero' hi l-fehma ta' din il-Qorti li l-procedura de quo qiedgha f'dak l-istadju semplicement ghaliex hu obbligatorju li kontendenti jibdew l-iter gudizzjarju hemm involut b'din il-procedura - li ghall-persuni maturi li gia' ddecidew x'jaghmlu b'hajjithom, hi biss procedura dispendjuza fiz-zmien mehud u fil-finanzi li l-esperjenza tghallimna li jigu involuti, jekk mhux ukoll umiljanti - nonostonte s-success li l-istatistika tista' turi minn zmien ghal zmien.***

***9.3. llli in effetti din il-fazi proceduralì sollevata mill-intimat m'hi xejn hlief l-ewwel pass ghas-separazzjoni personali, u ghalhekk ghandha tittiehed li effettivament hi parti integrali mill-procedura tas-separazzjoni vera u proprja u mhux separata minnha."***

3. *llli, l-intimati jibqghu jinsistu li l-kawza li fethet l-esponenti ghall-konferma tal-Mandat ta' lnibizzjoni Kawtelatorju numru 317/2014, l-esponenti kienet qed taghmel*

*uzu biss minn dritt procedurali taghha, ghaliex ma pprocedietx biex tiftah kawza, izda talbet biss konferma tal-mandat kawtelatorju .*

*Hawnhekk, l-istess esponenti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-intimat u l-argumenti prodotti minnu biex jikkonvinci lil dina l-Onorabbli Qorti ghar-revoka tal-mandat ta'inibizzjoni numru 317/2014/1.*

*Fil-kaz* ***Maryanne Gauci vs. Anthony Gauci (208/1999 deciza fis-27 ta' Jannar,2005 RP)****, il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) marret pass oltre minn dak li gie sottolineat fil-kaz* ***Sullivan vs Stivala et. (QK dec.17.03 .1992)*** *iccitat mill-intimat stess fir-risposta tieghu.*

***Illi fid-dawl ta' dawn id-decizjonijiet inghatat is-sentenza fl-ismijiet "Anthony Abdillaet.vs Emanuel Deguara et." (P.A. (RCP) 4 ta' Marzu, 1999) fejn gew amplifikati u applikati l-istess principji tant li nghad li jirrizulta ghalhekk li sabiex wiehed jiddeciedi fuq tali natura ta' talbiet irid jigi ezaminat n-natura ezatta tal-azzjoni ttentata, u jekk bit-talbiet li jsiru, supplimentati mill-premessi tal-istess citazzjoni, l-attur ikunx qieghed jitlob l-affermazzjoni u esercitazzjoni tad-dritt sostantiv li ghandu, jew inkella jkunx merament qed jagixxi proceduralment biss, mhux ghall-asserzjoni tal-istess dritt sostantiv, izda ghall-kawtela tieghu.***

***Illi, fl-ewwel kaz ovvjament it-talba tieghu tigi kkunsidrata bhala valida ai termini tal-Artikotu 843 (salv il-prova taghha), filwaqt li fit-tieni ipotesi tali talba ma hijiex permessa mil-ligi, ghas-semplici raguni li ma tezisti ebda azzjoni ghall-kawtela permanenti u perpetwa tad-drittijiet ut sic fl-astratt, kif lanqas tezisti ebda azzjoni sabiex mandat kawtelatorju jigi estiz permanentement jekk mhux bil-prova u osserzjoni tad-dritt sostantiv nnifsu."***

4. *Ghalhekk, il-gurisprudenza hija ben konstanti u preciza. Bil-kawza li fethet, l-esponenti, qed tmexxi ghall-affermazzjoni u ezercitazzjoni tad-dritt sostantiv taghha. L-esponenti bla ebda mod mhi qed tagixxi proceduralment fis-sens li qed titlob konferma ta'mandat permanenti. Qed titlob lil dina l-Onorabbli Qorti biex tinibixxi lill-intimati milli jitrasferixxu ishma jew assi immobbli sakemm ikun hemm sentenza ta' separazzjoni jew separazzjoni konsenswali. Madanakollu, l-esponenti, sabiex*

*tmexxi l-jedd sostantiv, mertu tal-mandat ta' inibizzjoni, in kwistjoni, kellha ukoll tipprezenta proceduri ta' medjazzjoni, procedura li fuqha jiddependu intrinsikament il-proceduri ta' separazzjoni. B'hekk bil-proceduri ta' medjazzjoni,l-esponenti qed tressaq 'l quddiem pretenzjoni taghha ghad-dritt sostantiv u cioe' ghal eventwali likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-kommunjoni tal-akkwisti. Madankollu, kellha tinfetah il-kawza ghall-konferma tal-mandat ukoll kontra l-intimat zewgha u kontro l-istess socjetajiet intimati ukoll sakemm tigi finalizzata s-separazzjoni u ghalhekk ma tezisti l-ebda permanenza. Kif gie spjegat sew fil-kawza Gauci vs Gauci, fuq imsemmija, ma jistax jinhareg ordni mill-Qorti ta' inibizzjoni permanenti, diment li l-jedd sostantiv tal-mandat jigi segwit b'kawza ai termini tal-Artikolu 843 tal-Kap.12. Ir-rikors ipprezentat mill-esponenti in segwitu tal-hrug ta!-mandat kawtelatorju huwa wiehed biex izzomm jew jinibixxi lill-intimat milli jiddisponi bil-mod indikat fir-rikors, mill-ishma u proprjeta' li tappartjeni lill-kommunjoni tal-akkwisti, li taghha l-esponenti hija kopartecipi, dritt sostantiv li l-esponenti, vantat u ezercitat fil-proceduri ta' separazzjoni, sabiex dan l-istess dritt jigi deciz finalment mill-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja). Is-sitwazzjoni kienet tkun differenti li kienu ma nbdewx il-proceduri ta' medjazzjoni, li mbagahd jistghu jwasslu ghas-separazzjoni konsenswali jew ghas-sentenza ta' separazzjoni, ghaliex f'dik l-eventwalita' dina l-kawza, li fl-atti taghha qed tigi pprezentata r-risposta, kienet tkun superfuwa u mmirat biss ghal finijiet ta' permanenza, li zgur mhux il-kaz. Fil-fatt, fil-kaz ta' Gauci, ghad-differenza tal-kaz in kwistjoni, il-kawza ta' separazzjoni kienet marret dezerta u ghalhekk, l-istess talba ghall-konferma tal-mandat gie interpretata bhala talba ghal inibizzjoni permanenti.*

*L-artikolu 873 (1) tal-Kap.12 jiddisponi inter alia li* ***"l-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni huwa dak li jzomm persuna milli....taghmel xi haga tkun li tkun li tista' tkun ta' hsara lill-parti li titlob i-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni."***

*Il-mandat ta' inibizzjoni numru 317/14 gie mitlub u ottenut precizament biex izomm lill-intimati biex jaghmlu xi haga li tista' tkun ta' hsara lill-esponenti u cioe' li jigu trasferiti l-ishma li jappertjenu lill-intimat zewgha u/jew li jigu trasferiti bi kwalunkwe mod, bi kwalunkwe titolu oneruz jew gratwit, l-assi immobbli tal-istess socjetajiet u intimat. L-esponenti ghandha dritt naxxenti mill-kommunjoni tal-akkwisti li zzomm lill-intimat zewgha u l-istess socjetajiet milli jittrasferixxu l-ishma u l-assi*

*fuq imsemmija, ghaliex jekk dan isir, l-esponenti titlef irrimedjabilment id-dritt taghha li tiehu sehemha mill-kommunjoni tal-akkwisti la darba din tigi llikwidata.*

*Dan huwa l-"jedd" imsemmi fil-mandat u l-esponenti kellha ggib dan il-jedd 'l quddiem,kemm quddiem dina l-Onorabbli Qorti minhabba li hemm s-socjetajiet intimati, kif ukoll bil- proceduri ta' separazzjoni u dan hu precizament dak li ghamlet l-esponenti, talbet li kemm l-intimat zewgha, kif ukoll s-socjetajiet imsemmija jigu inibiti mill-jaghmel ebda trasferiment u dan sakemm il-jedd jlgi deciz b'mod finali bis-separazzjoni. Dan kollu sar sabiex id-drittijiet tal-esponenti ma jigux ippregudikati u jibqghu impregudikati biss sakemm tigi konkluza' s-separazzjoni. L-esponenti, ghalhekk fi kliem iehor mhux qed jivvanta ebda dritt procedurali, imma purament dritt sostantiv naxxenti mill-kommunjoni tal-akkwisti.*

**5.** *Anke, jekk in pessima ipotesi, dina l-Onorabbli Qorti kellha tikkunsidra t-talba bhala wahda ta' dritt procedurali, kif qed jippretendu l-intimati, xorta wahda jibqa' lok fejn l-istess Qorti tista' tikkonferma dan il-mandat parzjalment. Fil-kaz* ***Joseph M.Robinich noe. Vs Franco Azzopardi (Citaz.Nru.1696/2000 dec.10.10.2005)*** *il-Qorti, filwaqt li rrespingiet talba ghall-konferma ta' mandat ta' inibizzjoni, ghamlet dan parzjalment, ghax rriteniet li bhala istituzzjoni kellha kull kapacita' li tordna* ***"lill-konvenut milli ma jaghmilx xi haga li tkun tilledi d-dritt tal-attur" u f' dan is-sens loqghet b'mod indirett it-talba ghall-konferma tal-mandat.***

*Zgur li kif inhuma dedotti t-talbiet fir-rikors odjern, l-ebda sforz ta' interpretazzjoni ma jista' jbiddel, dan id-dritt sostantiv, f'wiehed procedurali u li huwa aktar zgur u li jekk jigu trasferiti l-ishma jew l-assi immobbli tal-intimati, dan ikun a skapitu tad-dritt tal-esponenti, li fl-ahhar mill-ahhar, kif diga' gie ritenut, hija kopartecipi f'dan l-assi peress li jiffurmaw parti minn sehemha mill-kommunjoni tal-akkwisti. Ghalhekk, anke konferma parzjali ta' dan il-mandat jinkwadra ruhu, ghaliex qed ssir talba ghall-inibizzjoni sakemm hemm separazzjoni u cioe' tigi likwidata u assenjata l-kommunjoni tal-akkwisti.*

*6. Illi, inoltre, l-intimati talbu lil dina l-Onorabbli Qorti sabiex izzomm lill-esponenti responsabbli ghad-danni u l-imghaxijiet aiterminital-Artikolu 843(2) u dan ghaliex*

*skond l-intimati l-mandat ta' inibizzjoni ma giex segwit b'kawza. Talbu ukoll l-imposizzjoni ta' penali skond l-Artikolu 836 (8a), (8b) u (8d).*

*Gurisprudenza nostrana esprimiet ruhha fuq l-interpretazzjoni li ghandha tinghata meta persuna li jkun inhareg kontriha mandat jkollha dritt tippretendi d-danni. Fil-kaz* ***Emanuel Gauci noe. et. Vs Michelina Bugeja et. (Decizjoni 06.05.2014 Mgt.Josette Demicoli)*** *il-Qorti spjegat illi:-*

***"...filwaqt li tista' taqbel li c-cirkostanzi ta' meta min ikun hareg mandat kawtelatorju jista' jinstab responsabbli ghad-danni, mhux limitati ghal dak provdut fl-Artikolu 836(8) tal-Kap.72, thoss li r-responsabbilito' trid tohrog mill-applikazzjoni tal-Artikolu 1037 u 7032 tal-Kodici Civli (Kap.76), b'mod li jkun responsabbli biss jekk jagixxi b'imprudenza, b'negligenza jew mhux bil-hsieb ta' bonus paterfamilias. Din il-posizzjoni tidher li giet abbraccjata ukoll minn din l-Qorti, kif diversament preseduta mill-Onorevoli lmhallef (lllum Emeritus Joseph Said Pullicino, fil-kawza Spiteri vs Camilleri, Deciza fl-70 ta' Jonnar, 1992. F'dik il-kawza gew reaffirmati s-segwenti principji:-***

***(a) llli huwa principju fundamentali illi min jezercita dritt li jispetta lilu ma jistax jitqies li f'dan l-ezercizzju ikun responsabbli ghal-hsara li bhala konsegwenza jista' jbati hadddiehor, in omagg ghall-massima "qui suo iure utitur, non videtur damnum focere," bil-konsegwenza li d-dritt ghar-rikors ghall-protezzjoni tal-Qorti, huwa dritt li l-ezercizzju tieghu mic-cittadin m'ghandu bl-ebda mod jigi mxekkel;***

***(b)llli tali dritt tac-cittadin ghar-rikors lejn il-Qorti m'ghandu jigi abbuzat;***

***(c)llli l-fatt li t-talba ta' min jipprovoka l-proceduri tigi michuda mill-Qorti, bl ebda mod ma tfisser necessarjament li sar abbuz mid-dritt li tigi adita l-Qorti. "Non e' in colpa chi, credendo in buona fede di possedere un diritto, ne chiede al tribunale il riconoscimento, sebbene non vi riesca" ("Demajo vs Page" - Kollezz. Vol. XV.pg.34,P.A. 24.7.7895). Dan ghaliex ghalkemm il-ligi hija l-istess ghal kulhadd, huwa veru ukoll li l-ligi hija soggetta ghall-diversi interpretazzjonijiet li l-partiijiet jafdaw fil-gudikant biex jinterpreta u jiddeciedi dwarhom;***

***(d) llli tali abbuz jigi riskontrat biss f'kazijiet eccezzjonali u dan kwazi dejjem f'kazijiet ta' vessatorjeta' ("Emanuele Callejo vs Carmelo Grima" - Kollezz. Vol. XXXlX.1.24) nascenti minn mdla fede jew dolo jew almenu negligenza gravament kolpuza ("Agius vs Dott. Corbone nomine" - Kollezz. Vol.Xlll.434), fejn min ikun adixxo lill-Qorti ghall-hrug ta' tali mandat kawtelatorju ikun ibbaza fuq cirkostanzi manifesti "privo di qualsiasi fondamento e nel diritto per cui il giudizio promosso si dimostri vessatorio. Ma un fallace apprezzamento dei latti posta a base dell'istanza, e delle consequenze giuridiche che ne derivano non e' sufficiente a legittimare una domonda per danni da parte del vincitore nelle lite" ("Mugliette vs Bezzino " - Kollez.Vot. XXVI.I.405);***

***(e)llli dan l-ahhar principju huwa bbazat fuq il-fatt li l-element ta' vessatorjeta' jimplika abbuz tad-dritt ta' azzjoni gudizzjarja, ghaliex inghad sew illi:-***

***"Il diritto cesso dove cominicia l'abbuso....riteniamo che basta, per proteggere tutti l'interessi che ne sono degni, per dare una base giuridica alle diverse decisioni che provocano l bisogni della societa', di aderire al concetto generale che tutti l diritti hanno dei limiti."***

***Applikat dan il-principju ghad-dritt ta' azzjoni kontra persuna jfisser illi "chi agisce in mala fede od in seguito ad un grossolano errore, puo' essere condannato a pagore un'indemnito' al suo avversorio...." (Baudry-Lacantinerie - Trattato Prattico di Diritto Civile - Delle Obbligazioni - Vol.VI pg.560)"***

7. *Jidher li taht dan ir-rigward il-legislatur kien rigidu u fis-subinciz 8(a) tal-Artikolu 835 rabat l-imposizzjoni tal-penali mal-fatt materjali biss illi l-kreditur ikun naqas illi jiddeduci l-pretensjoni tieghu kontra d-debitur fiz-zmien statutorjament prefiss. Dana independentement mir-raguni li minhabba fiha jkun avverra ruhu b'dan il-fatt. lndipendentement mill-mala fede jew buona fede tal-kreditur u minghajr il-htiega li jigi provat li dan kien baqa' inadempjenti bil-hsieb li jabbuza mill-process gudizzjarju.*

*Dan proprja ghaliex penali ta' din ix-xorta hi imposta bil-ligi bhala mizura ta' ordni pubbliku sabiex tassigura serjeta' fil-process gudizzjarju u biex tassigura ukoll illi l-*

*istitut tal-mandati kawtelatorji ma jigix uzat, kif facilment jista' jigi, bil-hsieb li jivvessa lill-allegat debitur.*

*Fil-kaz in ezami, l-esponenti, apparti mill-fatt li bdiet il-proceduri ta' separazzjoni, meta pprezentat il-mandat ta' inibizzjoni kawtelatorju, ipprezentat ukoll kawza fi zmien ghoxrin gurnata biex sakemm tigi terminata s-separazzjoni u ssir il-likwidazzjoni l-assi tal-kommunjoni tal-akkwisti, fosthom l-ishma u l-proprjetajiet tas-socjetajiet intimati, kwalsiasi transferiment tal-istess, jigi inibit. Ghaldaqstant, is-sottomissjoni tal-intimati ma treggix that dan l-Artikolu 836 (8a) u ghalhekk l-esponenti m'ghandhiex tbati penali.*

8. *L-intimati jitolbu ukoll li jkun hemm imposizzjoni ta'penali taht l-Artikolu 836 (1b) li hekk mfissra tghid:-*

***'(b) li wahda mill-htigijiet tal-ligi ghall-hrug tal-att kawtelatorju ma tkunx ghada fil-fatt tezisti."***

*Dan ifisser li mandat kawtelatorju jista' jigi rrevokat in parte jew in toto, biss jekk ikun hemm bdil fic-cirkostanzi bejn il-waqt li jkun inhareg il-mandat u z-zmien meta ssir it-talba ghat-thassir tieghu.* ***'Fi kliem iehor din il-Qorti tifhem li l-kawzali mahsuba fil-paragrafu (b) tal-Artikolu 836 (1) trid li l-mandat ikun inhareg sewwa u, f'xi waqt, tkun intemmet xi wahda mill-kundizzjonijiet li l-ligi trid biex dak it-mandat jibqa'fis-sehh."*** [1]

*Fil-kaz odjern, bl-ebda mod ma ntwera li kien hemm xi bidla fic-cirkostanzi mid-data tal- hrug tal-mandat. Il-konjugi Vella ghadhom fl-istadju inizzjali tas-separazzjoni taghhom u minkejja tentattiv sabiex jintlahaq ftehim bonarju, da ma ntlahaqx u ghalhekk ghadhom f'status quo, kif kienu fiz-zmien li nhareg il-mandat kawtelatorju.*

9. *Illi l-intimati talbu ukoll li tigi imposta penali kontra l-esponenti ai termini tal-Artikolu 836 (8d) li jipprovdi li l-mandat kawtelatorju jista' jigi rrevokat in toto jew in parte jekk jintwera li l-ammont mitlub mhux prima facie gustifikat jew hu eccessiv. Illi*

[1] *Therese Mangion Galea vs Desmond Stanley Stewart P.A. JRM dec29.07.2005*

*ghal dak li jirrigwarda l-konsiderazzjonijiet ta' dritt marbuta ma' din ix-xorta ta' procedura, kif jinghad bosta drabi fi proceduri bhal dawn, l-istharrig li ghandha taghmel il-Qorti huwa biss wiehed prima facie u dan ghaliex il-mertu jmissu jigi mistharreg fil-kawza proprja bejn il-partijiet li qiedgha tistenna minn dina l-Qorti u li ghadha fil-fazi bikrija.*

*Biex mandat ta' inibizzjoni jinzamm fis-sehh, irid jintwera kemm l-ezistenza tal-jedd prima facie u kif ukoll l-irrimedjabilita' tal-hsara li ggarrab li kieku l-mandat jithassar. Fil-Kaz* ***Joseph sive Joe u Mary konjugi Parnis vs Raymond u Joan sive Jane konjugi Pace,(PA JRM dec 28.09.2001)*** *gie ritenut illi "****huwa minnu li l-Artikolu 836 (8d) jikkontempla l-possibilita' to' kundanna tar-rikorrent ezekutant ghall-penali, imma dan difficili japplika ghall-mandat ta' inibizzjoni fejn l-ilqugh tieghu, anke provvisorjament, ma jistax jinghad li kien imsejjes luq talba frivola jew vessatorja, izda donnu japplika l-izjed fkaz ta' hrug ta' xi wiehed iehor mill-mandati kawtelatorji li ma jinghatax smiegh xieraq dwarhom qabel ma jinhargu u li jinhargu lkoll b'mod definittiv biss.****"*

*Fil-kaz odjern, diga' , prima facie rrizulta li kien hemm ragunijiet validi sabiex l-esponenti tikkawtela d-drittijiet taghha formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti u kif l-esponenti aktar 'l fuq issottomettiet, hija mxiet regolari u skond i termini tal-Artikolu 836 tal-Kap.12, fejn ikkawtelat id-dritt sostantiv taghha.*

*Illi, madanakollu, l-esponenti tirrileva ukoll li, ghalkemm, l-intimati jirreferu ghad-danni, fis-sottomissjonijiet taghhom fir-rikors promotur talbu biss l-imposizzjoni ta' penali ai termini tal-artikolu 836 (8) (a), (b), u (d) u ghaldaqstant it-talba ghad-danni ghandha tigi respinta. lzda, in pessima ipotesi, illi anke jekk dina l-Onorabbli Qorti tqis il-kwistjoni tad- danni, jekk mandat mhuwiex frivolu u vessatorju ghall-fini ta' penali, ma jistax jitqies mod iehor ghall-finijiet ta' danni.*

10. *Ghalhekk ma jezistu ebda elementi li jistghu jwasslu lil dina l-Onorabbli Qorti biex tifhem li l-kundanna tal-penali hija misthoqqa taht l-ebda wahda mill-kawzali imsemmija. Min-naha l-ohra, ma jistax jinghad bl-ebda mod li r-ragunijiet li fuqhom intalab il-hrug tal-mandat mertu ta' dan ir-rikors kienu fiergha. Dina l-Onorabbli Qorti trid timxi fuq il-massima li l-bona fede hija prezunta u li l-hazen irid jigi*

*ppruvat (Miller Blacker pro.et.noe. vs Howard (App.Civ) 7.7.1920 - Kollezz. Vol. XXIV.i.554).*

*Din per se mhix kawza li saret malizzjosament, jew kienet wahda frivola jew vessatorja. L-esponenti kellha ragunijiet tajba biex tohrog mandat ta' inibizzjoni u l-istess mandat ma kienx excessiv,lanqas frivolu u wisq anqas vessatorju. Konsegwentement, l-esponenti ma tistax tinzamm responsabbli ghad-danni u/jew penali b' konsegwenza tal-hrug ta' dan il-mandat, anke jekk titlef il-kawza fil-mertu.* ***(Sammut vs Sammut (dec. 5.6.2003,TM).***

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet suesposti, l-esponenti titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tirrespingi t-talbiet tal-intimat u dan peress li l-mandat ta' inibizzjoni numru 317/2014 m'ghandux jigi rrevokat, imhassar jew kkancellat in toto u dan ghaliex l-esponenti kellha ragunijiet tajbin bizzejjed biex titlob il-hrug tal-mandat u li talbet kien minghajr hazen jew ghal xi raguni fiergha jew inkella bil-hsieb biss li ddejjaq lill-intimat."*

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

Illi t-talba ghar-revoka tal-mandat meritu tal-kawza tippernja fuq l-allegat nuqqas da parti ta' Dolores sive Doreen Vella illi tintavola kawza ta' separazzjoni in segwitu tal-hrug ta' Mandat t'Inibizzjoni fi zmien rikjest mill-ligi. Illi mir-risposta ta' Doreen Vella jirrizulta illi gew inizjati il-proceduri ta' medjazzjoni minn Doreen Vella u dana fis-26 ta' Frar, 2014 fil-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex). Dan gie stabbilit mill-partijiet bhala fatt inkonstestat fil-verbal tad-29 ta' Gunju 2014.

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti taghmel referenza ghas-senteza fl-ismijiet **Ivanka Jovanovic Axisa vs Ronald Axisa** deciz fit-**18 ta' Dicembru, 2013** mill-**Imhallef Dr. S. Meli** li fih gie ritenut illi:

> ***9.1 Illi jirrizulta effettivament pacifiku bejn il-kontendenti li l-procedura fil-Qorti tal-Familja ghadha fi stadju tal-medjazzjoni;***
>
> ***9.2 Illi pero` hi l-fehma ta' din il-qorti li l-procedura de quo qieghda f'dak l-istadju semplicement ghaliex hu obbligatorju li kontendenti jibdew l-iter gudizzjarju hemm involut b'din il-procedura – li ghall-persuni maturi li gia` ddecidew x'jaghmlu b'hajjithom, hi biss procedura dispendjuza fiz-zmien mehud u fil-finanzi li l-esperjenza tghallimna li jigu involuti, jekk mhux ukoll umiljanti – nonostante is-success li l-istatistika tista' turi minn zmien ghal zmien;***
>
> ***9.3 Illi in effetti din il-fazi procedurali sollevata mill-intimat m'hi xejn hlief l-ewwel pass ghas-separazzjoni personali, u ghalhekk ghandha tittiehed li effettivament hi parti integrali mill-procedura tas-separazzjoni vera u proprja, u mhux separata minnha;"***(Enfasi ta' din il-Qorti)

Illi ghalhekk jirrizulta illi Doreen Vella fil-fatt kienet gja intavolat **l-ewwel pass** skond il-ligi sabiex tmexxi bis-separazzjoni personali kontra zewgha.

Illi di piu' l-attrici sabiex taccerta ruhha mir-rekwiziti kollha impost mill-ligi u senjatament l-Artikolu 843 tal-Kapitolu 12 li jaghmilha mandatorja li r-rikorrent *"jaghmel kawza ghal-jedd imsemmi fil-mandat fi zmien ghoxrin jum mill-hrug tal-mandat:…"* , intavolat ukoll rikors numru 291/2014.

Certament ghaldaqstant din il-Qorti ma tistghax tilqa' talba tar-rikorrenti Peter Paul Vella ghar-revoka tal-Mandat t'Inibizzjoni 317/2014/1 ghar-raguni li "l-att kawtelatorju m'ghadux aktar fis-sehh" – (Artikolu 836(1)(a) tal-Kapitolu 12), u dana 'l ghaliex Doreen Vella inizjat

zewg proceduri: il-procedura koretta (l-medjazzjoni) li twassal ghal separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha; u barra minn dan, intavolat ir-rikors 291/2014, **fi zmien minn ghoxrin gurnata mill-hrug tal-mandat** datat 24 ta' Marzu 2014, skond il-ligi u dan sar **precizament fit-8 t'April 2014**.

Illi ghaldaqstant gialadarba giet michuda l-ewwel talba isegwi li l-Qorti ghandha tichad it-tieni talba.

Ghar-rigward tat-talba ai tenur tal-Artikolu 836(8)(a) tal-Kapitolu 12, irid jinghad illi din il-Qorti sabet illi Doreen Vella fil-fatt intavolat il-bidu tal-proceduri ta' separazzjoni personali bejnha u bejn zewgha skond il-ligi. Ghaldaqstant certament m'huwiex l-kaz li l-Qorti ghandha tordna xi hlas ta' penali.

Illi ghar-rigward tal-Artikolu 836(8)(b) il-Qorti taghraf illi meta ikun hemm proceduri ta' separazzjoni personali bejn il-partijiet (u il-medjazzjoni hija l-inizju ta' separazzjoni personali), jigri ta' spiss li ikun hemm **ragunijiet ta' urgenza** ghall-hrug ta' mandat t'Inibizzjoni sabiex irazzan lil wahda mill-patijiet milli tisparpalja l-assi tal-komunjoni tal-akkwisti.

Ghaldaqstant tichad ukoll it-talba ghal hlas ta' penali skond Artikolu 836(8)(b) tal-Kapitolu 12.

Ir-rikorrenti Peter Paul Vella talab ukoll illi l-Qorti tikundanna lil Doreen Vella thallas il-penali Artikolu 836(8)(d) tal-Kapitolu 12, f'kaz li l-Qorti ssib illi l-Mandat ikun sar b'malizzja u jkun frivolu u vessatorju.

Illi kif gie ritenut ripetutament minn dawn il-Qrati minn jagixxi biex jissalvagwardja id-drittijiet tieghu ma jistghax jigi punit talli ghamel dan, anki f'kaz fejn l-azzjoni tieghu ma jkollhiex ezitu favorevoli, vide **Emanuel Gauci noe. et. vs Michelina Bugeja et.** deciza **fis-6 ta' Mejju 2014 mill-Magistrat Dr. J Demicoli;** u **Joseph sive Joe u Mary konjugi Parnis vs Raymond u Joan sive Jane konjugi Pace** deciza **28 ta' Settembru 2001 Mhallef Dr. J .R. Micallef .**

In oltre min jissoleva l-malizzja u l-frivolita' jehtieg illi jipprovahom. Ma tressqet ebda xrara ta' prova fil-kaz in esami li jisostanza l-malizzja, frivolita' jew vessitorjita.

Illi ghar-rigward tal-ewwel eccezzjoni ta' Doreen Vella il-Qorti taghraf illi l-mandat kawtelatorju illi tieghu qed jintalab ir-revoka huwa **Mandat t'Inibizzjoni Kawtelatorju** 317/2014/1 u jidher b'mod lampanti illi referenza ghal-mandat ta' sekwestru kawtelatorju fl-ewwel talba, minflok dak t'Inibizjoni, hija zball tal-pinna. Ghaldqstant tichad l-ewwel eccezzjoni dwar in-nullita' tar-rikors imressqa minn Doreen Vella.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-eccezzjonijiet ta' Doreen Vella ghajr l-ewwel eccezzjoni, tichad it-talbiet tal-atturi Peter Paul Vella bl-ispejjez kontra tieghu.

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

-------------------------------TMIEM--------------------------------